# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija u sittax (116) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-Ħamis, 21 ta' Frar, fis-6:50pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-KLM, wara li għal-laqgħa msejħa t-Tlieta, 19 ta' Frar, ma kienx hemm *quorum*.

| PRŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
|---|---|---|
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta numru mija u erbatax (114) kienu ċċirkulati permezz ta' *e-mail* mis-SE aktar kmieni, kienu korretti bl-emendi li xtaqu l-kunsillieri skont kif jidher fuq il-kopja oriġinali u inizjalata mis-Sindku u s-SE, u dawn kienu approvati u ffirmati.

3. Dwar il-ftuħ tal-proġett tal-Mentna, is-Sindku qal li tkellem mal-Uffiċċju tal-Prim Minstru u dawn l-uffiċjali qalulu illi dak in-nhar hu se jkun qed jipparteċipa fuq il-programm *Xarabank*, filwaqt li l-proposta l-oħra li jiftaħ il-proġett l-Onor G Pullicino lanqas ma tista' sseħħ għaliex lanqas hu ma jista' jattendi dak in-nhar. Intant is-Sindku qal li hu stieden lill-Onor Chris Said għax kien hu li stinka biex il-Kunsilli Lokali japprofittaw irwieħhom mill-uffiċċju tal-MEUSAC li dak iż-żmien kien mela l-applikazzjoni tagħna għall-Fondi Ewropej. Dan aċċetta u se jiġi jiftaħ il-proġett tal-Mentna flimkien mas-Sindku.

4. Dwar il-katakombi infushom, is-Sindku informa lill-kunsillieri illi *Heritage Malta* se jagħmlu it-tindif, u f'każ illi joħroġ iċ-ċertifikat mill-*OHSA* illi dan hu tajjeb għall-viżitaturi, se jinfetaħ u possibilment dan isir sa l-1 ta' Marzu, fil-ġurnata tal-ftuħ tal-proġett.

5. Sadanittant is-Sindku informa lill-kunsillieri illi l-inviti tal-ftuħ intbgħatu mill-uffiċċju tagħna lill-għaqdiet u lil dawk li kienu involuti fil-proġett bħal *Heritage Malta*, l-Uffiċċju tal-Perit Bezzina, l-ex-kunsillieri, lir-rappreżentant ta' trasport, is-Sur Manwel Delia li kienu involuti fit-*tarmac* madwar il-pjazza kif ukoll lill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

6. Dwar il-plakka kommomerattiva, is-Sindku għadda il-*wording* lis-SE li meta kien mgħoddi lill-uffiċjali tal-Ministeru tar-Riżorsi imponew li jkun mibdul fit-*template* meħuda minn fuq id-*Detailed Publicity Guidelines Fig 26.* Għal dan il-għan is-SE kien infurmat illi għandhom siru it-tnejn li huma. Għad-domanda tas-SE jekk dik ta' *Fig 26* issirx bil-malti jew bl-ingliż, is-SE kien imqabbad jordnahom it-tnejn. Għalhekk se jsiru żewġ plakek imsemmija għall-inawgurazzjoni. Is-SE qal ukoll li din il-plakka hija *item* tat-tender li jrid iħallas għaliha Schembri Barbros.

7. F'dan il-waqt is-Sindku semma' l-*press conference* li ta l-PL nhar is-Sibt 18 ta' Frar li xxandret fuq *One TV*. Is-Sindku qal li aħna qatt m'għamilna Ċentru tal-Viżitaturi imma sempliċiment tisbieħ tal-pjazza. Hu qal ukoll li x-xogħol tlesta kollu skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta pubblika. Hu qal li jekk għal PL kien hemm xi biċċa nieqsa, għandhom jgħidu liem'hi għax in-nies li raw u semgħu tgerfxu. Hu qal illi t-tarmak ta' madwar il-proġett ma kienx parti mill-proġett. Noel Galea qal li din il-*Press Conference* għamluha l-kunsillieri laburisti fl-interess tagħhom.

8. Is-SE qal li fil-verita' minflok ċentru tal-viżitaturi fl-applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja kien indikat li l-proġett hu wieħed ta' *Heritage Trail* li tibda' minn Pjazza Ġublew tad-Djamanti u din kienet ikkunsidrata bħala *"visitors' area"* għalkemm jista' jkun li hu bi żvista kiteb 'ċentru' flok 'zona' tal-viżitaturi.

9. Hawn Charles Farrugia qal illi hu għalhekk ħass li kellu jikteb b'dak il-mod fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett, għaliex min ġej warajna (Kunsill Lokali) se jgawdi minn dawn it-toroq li saru matul din il-leġislatura u jawgura li l-bankini jiġu livell wieħed ta' tliet pulzieri biex ma jkunux 'il fuq u 'l isfel.

10. Is-Sindku qal li matul din il-ġimgħa li għaddiet Transport Malta irrinfriskaw il-*line markings* ta' Triq Valletta u dawk ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

11. Dwar il-ħsarat li hemm fi Triq tas-Sejba, is-Sindku qal li hu għandu nformazzjoni li dan ix-xogħol se jsir qabel l-elezzjoni tad-9 ta' Marzu. Hu qal li din suppost għamilniha aħna u se nirkupraw l-ispejjeż minn *Transport Malta* minkejja li dik hija fir-responsabbilita' tagħna. Dan intqal minkejja li Nicholas Briffa sostna li din kienet triq fir-responsabbilita' ta' *Transport Malta* u wkoll talab kopja tar-rapport ta' *Transport Malta* biex ikun stabbilit x'kienet il-kawża li din ċediet.

12. Dwar il-ħarġa li jmiss tal-fuljett is-SE qal li għad fadal l-artiklu tas-sindku flimkien mar-ritratti biex jiġu mgħoddija lill-istampatur. Hawn saret osservanza lis-SE sabiex fl-istedina fejn il-poplu se jkun mistieden jattendi għall-ftuħ tal-proġett tal-Mentna, ikunu mibdula l-kliem minn *Ċentru tal-Viżitaturi* għal *Tisbieħ ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti.* Dan għal fatt li l-kelma użata mis-SE (Ċentru) ġiet interpretata ħażin mill-kunsillieri tal-PL waqt konferenza stampa.

13. Sar tindif ta' Triq Mons Alfons Caruana fejn dan l-aħħar kien hemm diversi rapporti li qed ikun hemm ħafna *litter tipping*. Dan kien irrappurtat lis-Sindku u lill-kunsillier Paul Spiteri kif ukoll uffiċjalment lis-SE li kellu l-opportunita' jilqa' l-uffiċċju l-ispettur David Aquilina tal-*Building Regulations Office* fejn dan ukoll urieħ xi ritratti.

14. Kien approvat il-Budget 2013, wara diskussjoni fuq ir-*ring fencing* f'dak li għandu x'jaqsam mat-toroq fir-raħal. Hawn kien deċiż li tkun riversjata id-deċiżjoni li ttieħdet fl-aħħar laqgħa, jiġifieri li minkejja li l-proġetti kapitali mhux se jsiru u se jsiru biss manutenzjoni ta' toroq, se jinqalgħu is-€27,000 mill-vot tal-manutenzjoni (li jinkludi il-*patching*, tabelli, sinjali, *crash barriers* u *road marking*) u jerġgħu imorru fil-proġetti kapitali fil-vot 7500.

15. Mill-ġdid dwar il-ftuħ tal-proġett tal-Mentna, is-Sindku qal li fl-eventwalita' tax-xita li wieħed jista' jsegwi mill-*5 day weather forecast* minn fuq l-internet, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jkun kostrett li jarma tinda. Dwar il-*catering* f'din l-okkażjoni, is-Sindku qal li dan se jkun f'idejn Schembri Barbros Ltd.

16. Kien approvat b'mod sħiħ il-*performance bonus* tas-SE kif ukoll ta' Valerie Galea u ta' Kylie Anthea Fenech għas-sena 2012 wara li l-Kunsill ikkunsidra l-*performance* tagħhom. Is-SE irringrazzja f'isem l-impjegati kollha lill-KLM.

17. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru erba' mija u sebgħa u ħamsin (457).

18. Is-Sindku qal li waslitlu ittra mis-Sezzjoni Żgħażagħ Sta Marija illi dawn talbu sabiex juzaw l-Isptar il-Qadim biex jagħmlu *pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira. Għal dan il-għan fil-KLM, ma kienx hemm qbil fost dawk preżenti u għalhekk it-talba taż-żgħażagħ ma setgħetx tiġi aċċettata. Ġie suġġerit mid-Deputat Sindku biex din l-attivita' ssir propju fis-sala tal-Iskola Primarja fuq il-palk. Dan intqal filwaqt illi jekk dawn ikollhom bżonn għajnuna, il-KLM lest li joffrihielhom.

19. Issemma' wkoll illi quddiem il-ħanut tax-xagħar ta' Benny Camilleri, fi Triq Santa Katerina qed toqgħod għadira ilma, filwaqt li quddiem il-hanut ta' Pawlu taż-żebgħa hemm bozza itteptep. Dwar l-ilment tal-ewwel se naraw jekk din il-qagħda tistax tissewwa mill-kuntrattur li jagħmel il-*patching* b'materjal ta' kwalita' aħjar minn dak li jintuża normalment fuq *reinstatement* tal-ilma.

20. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-20 ta' Marzu, 2013 filwaqt li din intemmet fit-8.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum 20/3/2013 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |